MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-11 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 505/2014

**A B**

***vs***

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006), u dana kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u

mmarkat Dokument A, u minn dan iz-zwieg fil-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) twieled tifel bl-isem ta' Adreas;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati in forza ta' kuntratt fl-atti Nutar Dottor Anton Borg sa mit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) u dana skont il-kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni personali hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B;

Illi minkejja li l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin iktar kmieni fis-sena korrenti, huma kienu ilhom separati de facto minn xulxin ghal diversi snin qabel u dana stante li ftit wara t-twelid ta' binhom minuri K, il-konjugi B ma baqghux jaqblu b'mod illi kellhom jinfirdu definittivament minn xulxin.  Huma ilhom ma jghixu flimkien ghal iktar minn hames snin qabel illum;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minhabba li ilhom iktar minn hames snin mifrudin minn ma xulxin, illum ghandhom hajja totalment separata minn ma xulxin u r-rikorrenti sahansitra fformat rabta soda u relazzjoni stabbli ma persuna ohra tant li minnu ghandha iben iehor li twieled fit-tlettax (13) ta' Awissu tas-sena elfejn u tnax (2012);

Illi skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali, senjatament il-klawsola numru tnejn (2) il-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin;

Illi skont il-klawsola hmistax sub-artiklu tmienja "viii" (15 viii) tal-istess kuntratt il-partijiet qablu li l-intimat ghandu jivversa lir-rikorrenti hames mitt Ewro (€500) kull xahar bhala manteniment ghall-minuri K, haga li l-intimat jaghmel regolarment skont il-ftehim;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta’ Novembru, 2014;

Semghet lill-partijiet jixdhu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta’ Mejju, 2014, izda ilhom ghal aktar minn erba’ snin de facto separati minn ma xulxin;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------